**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 387/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mirr-rikorrent fil-31 ta' Awwissu, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar is-7 ta' Novembru, 2001, Dokument A anness.

Illi l-esponenti ssepara legalment minn ma' martu permezz ta' kuntratt fl-atti Dr. Annalise Micallef datat 6 ta' Settembru, 2013 u dana wara li gie awtorizzat sabiex jaghmel hekk permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' Settembru, 2003, Dokument B anness.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet qatt ma kellhom tfal.

Illi peress li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti kien diga’ gie ddikjarat legalment separat b’separazzjoni legali u issa ghaddew sew iktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali.

Illi l-partijiet m’ghandhom ebda pendenza dwar manteniment bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall ta’ zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Ra r-risposta tal-intimata li fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru, 2018 ddikjarat illi m’ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Settembru, 2013 u li ma kien jezisti ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
3. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata millum.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**